ĦARĠA NUMRU 17 - REBBIEGĦA

NEWSPAPER POST

# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



# GĦEŻIEŻ QARREJJA,

Dħalna fi żmien ir-rebbiegħa, żmien li nkunu qed nistennewh bil-ħerqa wara l-ġranet kesħin tax-xitwa. It-temp jilħaq bilanċ perfett bejn il-kesħa tax-xitwa u s-sħana qalila tas-sajf. Ir-rebbiegħa hija magħrufa bħala l-isbaħ staġun fejn in-natura tilħaq l-aħjar tagħha u l-bidwi jiżdiedlu x-xogħol sabiex aħna lkoll inkunu nistgħu ngawdu frott u ħaxix frisk mill-għelieqi ta' Malta u Għawdex.

Ir-rebbiegħa huwa żmien sabiħ biex wieħed imur mixja fil-kampanja u jammira s-sbuħija tan-natura u l-baħar. Hekk kif it-temperatura tibda tisħon, tant ieħor il-baħar u l-bajjiet jibdew jimtlew bit-turisti u anke Maltin jilagħqu x-xemx u forsi min ikun xi ftit avventuruż anki jaqbeż qabża l-baħar.

Għad-dilettanti tat-tradizzjonijiet u l-festi dan iż-żmien huwa żmien ta' preparamenti, kemm għal min jieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll għad-dilettanti tan-nar u l-armar tal-festi ġewwa l-irħula. L-akbar festa tal-istaġun hija dik tal-Għid il-Kbir u ħafna familji jieħdu l-opportunità li jiċċelebrawha bl-ikla tradizzjonali tal-ħaruf filwaqt li t-tfal ikunu qed jistennew xi figolla jew bajda taċ-ċikkulata.

Bħal dejjem f'din il-ħarġa ħejjejna għalikom bosta artikli interessanti, flimkien ma' riċetta tajba u artiklu għat-tfal.

Filwaqt li nirringrazzja l-kontributuri ta' din il-pubblikazzjoni, nittama li ssibu l-artikli ta' interess u tintlaqa' tajjeb magħkom il-qarrejja.

Tislijiet,

*Claire Cauchi*

# NISĠET ARTNA

Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali
Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività,
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp L-Għammieri,
Triq l-Ingiered, Il-Marsa, MRS 3303



Ritratt
Joseph Mercieca
Il-Wied ta' Marsalforn, Għawdex

Kordinatriċi
Leanne Bajada

Editur
Claire Cauchi

Kontributuri
David Bartolo
Jeffrey Sciberras
Arnold Sciberras
Maria Micallef
Malcolm Vassallo
Anton B Dougall
Matthew Tabone
Victoria Ellul
Joseph Jason Abela
Claudette Gambin
Alexei Zammit
Simone Galea
Mario Salerno

Qari tal-provi
Braden Saffrett

Disinn
Max Saliba

MAX SALIBA DESIGN

Stampar
Government Printing Press

GOVERNMENT Printing Press

## Werrej

**04.** IL-FERTILITÀ TAL-FNIEK - PASS 'IL QUDDIEM FIR-RIĊERKA

**05.** INKOMPLU NIRRANĠAW U NTEJBU T-TOROQ FIL-GŻIRA GĦAWDXIJA

**06.** PROĠETTI TA' THADDIR (URBAN GREENING) FIL-KUNSILLI LOKALI

**07.** IS-SIGURTÀ FL-IKEL - GLOBALG.A.P

**08.** KONSULTAZZJONI FUQ IL-POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI (PAK) 2021-2027

**09.** IT-TAĦRIĠ U L-GĦARFIEN TAL-GĦODDA DIĠITALI... IT-TRIQ 'IL QUDDIEM GĦALL-BIEDJA

**10.** L-GĦAŻLA TAL-PRODOTTI TAL-IKEL ORGANIKU U TAL-AGROEKOLOĠIJA

**12.** MIS-SALVAĠĠ GĦALL-PLATT

**14.** L-2020: IS-SENA INTERNAZZJONALI GĦAS-SAĦĦA TAL-PJANTI

**16.** IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TA' ITRIA F'BINĠEMMA

**17.** IT-TRASFERIMENT TAL-QBIELA TAL-ART AGRIKOLA

**18.** ANIMAL WELFARE

**19.** IL-KUNSILL TAL-AGRIKOLTURA U S-SAJD (AGRIFISH)

**20.** MOBILE APPS U SISTEMA ĠDIDA TA' MONITORAĠĠ TAL-OBBLIGI TAL-BDIEWA

**20.** NATURA2000

**21.** 'IL FUQ MINN €25,000 F'FONDI LILL-NGOS GĦAL SERVIZZI VETERINARJI B'XEJN

**22.** ARTIKLU TAT-TFAL

**23.** RIĊETTI



## INKOMPLU NWETTQU DAK LI WEGĦEDNA

Reġgħet waslet rebbiegħa oħra, li jfisser li diġà għaddew l-ewwel tliet xhur tas-sena. F'din il-ħarġa interessanti se tkunu tistgħu taqraw dwar uħud mill-inizjattivi li nedejna fil-bidu ta' din is-sena kif ukoll dwar xogħlijiet li għaddejjin u fondi li kontinwament qegħdin nagħtu lill-benefiċjarji fl-oqsma differenti li jien responsabbli minnhom. Għamilna ħafna xogħol, iżda kif dejjem ngħid fadal ħafna xi jsir sabiex inkomplu ntejbu s-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd u tad-drittijiet tal-annimali, setturi li jirrikjedu ħafna attenzjoni.

Wara li ħabbarna l-baġit għas-sena 2019, ftaħna l-applikazzjonijiet sabiex nagħtu b'€100,000 għajnuna lis-sajjieda għar-restawr tad-dgħajjes tagħhom. Dawn fost fondi oħra li għandna ddedikati għas-sajjieda. Ħadna ħsieb li s-settur tal-annimali jibqa' jingħata l-għajnuna finanzjarja fosthom b'għotjiet bħall-animal welfare fund, is-servizzi veterinarji b'xejn u fondi ddedikati lill-NGOs li jgħinu fl-adozzjonijiet tal-annimali. F'Jannar tlaqqa' l-Global Forum for Food and Agriculture (GFFA), u attendejt numru ta' laqgħat ma' diversi Ministri tal-Agrikoltura ewlenin fid-dinja, bit-tema prinċipali tkun kif l-agrikoltura jista' jkollha futur aħjar permezz tal-użu tat-teknoloġija u s-soluzzjonijiet diġitali.

Kull xahar nattendi wkoll il-laqgħat fi Brussell flimkien mal-Ministri tal-Agrikoltura Ewropej. L-għan tiegħi huwa li f'isem pajjiżna nassigura li l-bdiewa tagħna jkunu salvagwardjati u jieħdu dak li jixraqilhom. Kontinwament nisħaq li l-Ewropa għandha tikkunsidra bis-sħiħ il-piż amministrattiv fuq pajjiżi żgħar bħal Malta fejn meta mqabbel ma' pajjiżi Ewropej oħra, aħna għandna numru żgħir ta' benefiċjarji. Fil-fatt l-isfida ta' pajjiż żgħir bħal tagħna dejjem tkun sabiex infiehmu lill-pajjiżi l-kbar li l-ħtiġijiet tagħna huma differenti u l-kunċett ta' one size fits all ma nistgħux naqblu miegħu, jekk irridu li l-biedja f'Malta verament timxi 'l quddiem. Ftit tal-ġimgħat ilu kelli wkoll laqgħa bilaterali mal-Kummissarju Phil Hogan rigward il-biedja f'Malta kif ukoll dwar is-settur tal-ħalib u tat-tadam f'pajjiżna sabiex possibilment insostnu dawn is-setturi anke fil-Politika Agrikola Komuni li jmiss.

F'din il-ħarġa tistgħu tkomplu taqraw ukoll dwar ix-xogħol kontinwu li għaddej fit-toroq rurali Għawdxin sabiex intejbu l-passaġġi u l-ħitan tas-sejjieħ għall-bdiewa u r-raħħala tagħna. L-għan ta' dan il-Gvern huwa wara kollox li nkunu proattivi u nagħtu spinta 'l quddiem sabiex nimplimentaw infrastruttura adegwata għall-bdiewa u r-raħħala tagħna b'tali mod li mhux biss niffaċilitawlhom ħidmiethom iżda nsostnu dan is-settur.

Inselli għalikom,

*Clint Camilleri*

# IL-FERTILITÀ TAL-FNIEK - PASS 'IL QUDDIEM FIR-RIĊERKA

Dan l-artiklu nkiteb minn
Victoria Ellul (ex-studenta tal-MCAST)
flimkien ma Joseph Jason Abela Lecturer

Il-laħam tal-fenek minn dejjem kien jagħmel parti importanti mill-platti tradizzjonali ġewwa l-Gżejjer Maltin. Id-daqs tal-annimal u l-perjodu ta' ġestazzjoni qasir jagħmilha aktar faċli sabiex jitrabba fi spazji żgħar u bi produttività tajba. Minħabba li lokalment hawn domanda kbira għal-laħam tal-fenek jeżistu rziezet relattivament kbar li jipproduċu ammonti mhux żgħar ta' fniek. Dan wassal biex il-produtturi tal-fniek investew fi rziezet kbar sabiex ilaħħqu mad-domanda li dejjem qiegħda tiżdied. Hawn irziezet li jrabbu madwar 1,000 fenka għat-tgħammir u huma mgħammra b'fannijiet kbar li jiċċirkolaw l-arja u jnaqqsu t-temperatura fil-maħżen. Riċerka fuq it-tgħammir u l-fertilità saret importanti ħafna sabiex dawn l-irziezet ikunu sostenibbli u jrabbu l-bhejjem tagħhom bl-iktar mod komdu possibbli għall-annimal. Sabiex ikun sostenibbli, dan is-settur beda jħaddan metodi bħall-inseminazzjoni artifiċjali biex isir tgħammir ta' fenkiet kummerċjali li jkunu ġenetikament magħżula għal produzzjoni tajba. Permezz ta' din is-sistema, ir-raħħal ikollu bżonn anqas irġiel fuq ir-razzett u jkun jista' jgħammar aktar fenkiet f'daqqa u b'hekk juża anqas art biex irabbi l-fniek u allura juża anqas ġwież.

F'din ir-riċerka ġew analizzati erba' kwalitajiet riproduttivi fil-fniek irġiel kummerċjali - il-konċentrazzjoni tal-isperma (in-numru ta' sperma li tinsab f'kull millilitru), il-volum ta' semen (l-ammont f'millilitri ta' semen li l-fenek jipproduċa f'ġabra waħda), il-konċentrazzjoni tal-isperma b'difetti (in-numru ta' sperma li kellhom morfoloġija ħażina bħal denb mgħawweġ, denb nieqes, difetti fil-forma tar-ras tal-isperma u oħrajn) u l-perċentwal ta' sperma tajba. Ittieħdu kampjuni minn żewġ razez ta' fniek kummerċjali u l-erba' kwalitajiet riproduttivi msemmija ġew evalwati u mqabbla bejn ir-razez. Il-kampjuni ttieħdu darba fil-ġimgħa għal ħames ġimgħat konsekuttivi minn fniek irġiel miżmuma f'ambjent ikkontrollat, jiġifieri miżmuma f'ammont ta' dawl li ma jaqbiżx is-16-il siegħa dawl kuljum, temperatura segwita kostantament u b'ventilaturi li jdawru l-arja. Il-kampjuni ġew miġbura bl-għajnuna ta' vaġina tal-lastiku bħalma tidher fir-ritratt numru 1.

Il-volum ta' semen ġie mkejjel u wara ġie mħallat ma' kimika apposta li tissejjaħ extender biex iżżomm l-isperma ħajja għal mhux aktar minn tlett ijiem. It- tliet kwalitajiet l-oħra ġew analizzati permezz ta' mikroskopju tad-dawl u ħġieġa speċjalizzata li tissejjaħ counting chamber (ara ritratt numru 2). Permezz tal-mikroskopju ttieħdu għaxar ritratti ta' kull kampjun u n-numru ta' sperma ġie kkalkulat billi ngħadd in-numru ta' sperma li kien hemm f'kull kaxxa. Il-kampjun ġie analizzat ukoll għal difetti fl-isperma b'dan l-istess metodu. F'din ir-riċerka nstab li ma kienx hemm differenza fil-konċentrazzjoni tal-isperma bejn iż-żewġ razez. Iżda nstabet differenza sinifikanti meta ġew mqabbla l-ammont ta' sperma difettuża, il-vijabbiltà u anke l-volum tas-semen. Dan ifisser li razza minnhom kienet superjuri fuq l-oħra f'dawn il-kwalitajiet riproduttivi. Riżultati bħal dawn għandhom implikazzjonijiet għar-raħħal peress li għażla tajba tar- razza tal-irġiel għat-tgħammir tista' twassal għal aktar inseminazzjonijiet minn fenek wieħed b'rata ogħla ta' success fit-tgħammir. Dan isarraf f'anqas fniek irġiel fuq ir-razzet u allura profitt akbar għar-raħħal.



Vaġina tal-lastiku



Counting Chamber

# INKOMPLU NIRRANĠAW U NTEJBU T-TOROQ FIL-GŻIRA GĦAWDXIJA

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri indirizza konferenza stampa fiż-Żebbuġ, Għawdex fejn tlestiet Triq Wied l-Infern, waħda mis-16-il triq rurali f'Għawdex li ġew imtejba għall-benefiċċju tas-settur agrikolu u l-komunitajiet rurali. Il-Perit Camilleri qal li 61 triq rurali li jammontaw 'il fuq minn €11-il miljun qegħdin isiru f'Malta u f'Għawdex bħala parti miż-żewġ miżuri biex jinbnew it-toroq rurali u biex jiġu rranġati l-ħitan tas-sejjieħ.

Camilleri tenna kif permezz ta' dawn il-fondi qegħdin igawdu numru ta' Kunsilli Lokali fosthom lokalitajiet Għawdxin li huma Ta' Sannat, in-Nadur, ix-Xagħra, Kerċem, l-Għarb u ż-Żebbuġ. 'Il fuq minn 1,000 bidwi qegħdin jibbenifikaw minn dan it-titjib fl-aċċess ta' toroq rurali madwar il-gżejjer tagħna biex b'hekk ikunu jistgħu jtejbu l-attivitajiet tagħhom kif ukoll iżidu l-effiċjenza. Huwa spjega kif Triq Wied l-Infern hija waħda mit-toroq rurali li huma ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni Ewropea u tal-Gvern Malti, u li jaqgħu taħt il-Programm għall-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020 u qal li l-għan tal-miżura 4.3 huwa li tingħata għajnuna sabiex Kunsilli Lokali u entititajiet oħra jkunu jistgħu jimplimentaw proġetti li permezz tagħhom jitjieb l-aċċess għar-raba' u attivitajiet oħra agrikoli.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura Clint Camilleri qal li l-mira tal-Gvern hi li jkompli jkun dak li jintervjeni b'mod li jtejjeb il-kundizzjonijiet, l-infrastruttura u l-opportunitajiet li għandhom il-bdiewa li jwettqu l-attività tagħhom b'mod li jilħaq l-aspirazzjonijiet u x-xewqat tagħhom, kif ukoll il-miri tal-Politika Agrikola Komuni. Hu kompla jgħid li fost affarijiet oħra dan ifisser li rridu ngħinu lill-bidwi jkollu aċċess aħjar għar-raba', u li jtejjeb il-kontribut tal-għelieqi tiegħu għaż-żamma tal-ħamrija u l-bijodiversità.

Is-Sindku taż-Żebbuġ Nicky Saliba rringrazzja lis-Segretarju Parlamentari għal dawn il-fondi sabiex jittejbu t-toroq rurali. Fil-fatt, il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ ibbenefika minn €315,494 għal dan it-titjib.

Camilleri temm jgħid li biex is-settur agrikolu jkun aktar sostenibbli rridu naraw l-introduzzjoni ta' aktar metodi innovattivi u moderni. Dan huwa l-għan tal-Gvern u proprju r-raġuni għall-bżonn li nkunu proattivi u nagħtu spinta 'l quddiem sabiex nimplimentaw infrastruttura adegwata għall-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin.



Photo - MESDC - Joseph Mercieca

Toroq Rurali - Triq Wied l-Infern

# PROĠETTI TA' TĦADDIR (URBAN GREENING) FIL-KUNSILLI LOKALI

Dan l-artiklu nkiteb minn
Claudette Gambin
Principal Scientific Officer

Fl-2014, il-Ministeru beda proġett ta' tħaddir permezz ta' tħawwil ta' pjanti ġewwa erba' Kunsilli Lokali f'Malta u f'Għawdex: l-Imsida, il-Fgura, San Pawl il-Baħar f'Malta u r-Rabat Għawdex. F'dan il-proġett, dawn l-erba' Kunsilli ngħataw somma flus sabiex fi żmien sena jsebbħu l-Kunsilli Lokali tagħhom bit-tħawwil ta' siġar u arbuxelli.

Dan il-proġett intlaqa' tajjeb mill-Kunsilli Lokali li pparteċipaw u r-residenti tagħhom, u fl-2015 il-proġett ġie estiż għal ħames Kunsilli Lokali oħra: erbgħa f'Malta u wieħed f'Għawdex. Il-Kunsilli Lokali li ntgħażlu dik is-sena kienu: Birkirkara, il-Mosta, Paola, Ta' Xbiex u x-Xagħra Għawdex. Mill-2016 sal-2018, il-proġett ġie estiż għal sitt Kunsilli Lokali kull sena: ħames kunsilli f'Malta u wieħed f'Għawdex.

Fl-2018 intagħżlu l-Kunsilli Lokali tal-Imdina, tal-Pietà, ta' Ħal Qormi, tas-Swieqi, ta' Ħaż-Żabbar u Tas-Sannat f'Għawdex. Dawn il-Kunsilli Lokali ngħataw €30,000 kull wieħed, sabiex isebbħu l-Kunsilli Lokali tagħhom permezz ta' tħawwil ta' siġar u arbuxelli u l-proġett mistenni jitlesta dan ix-xahar. B'kollox se jitħawlu madwar 18,000 siġra u arbuxella, fosthom siġar ta' Ġuda, siġar taż-żebbuġ, siġar tal-virgi, ġennista, riħan, siġar tad-deru u siġar tal-għargħar.

Dawn il-proġetti ta' tħaddir huma proġetti ta' sena li jirrikjedu xogħol mill-Kunsilli Lokali kif ukoll mill-Ministeru. Il-Kunsilli Lokali li jintgħażlu għal dawn il-proġetti għandhom l-obbligu li jidentifikaw toroq jew ġonna, fejn jixtiequ li jsir xogħol ta' tisbiħ u l-Ministeru jgħin dawn il-Kunsilli Lokali billi jagħtihom il-fondi meħtieġa sabiex iwettqu dawn il-proġetti, kif ukoll jipprovdilhom l-assistenza teknika meħtieġa sabiex jagħżlu siġar u arbuxelli adattati għal dawn is-siti.

Meta jiġu identifikati s-siti għat-tħawwil u l-ispeċi ta' siġar u arbuxelli, il-Kunsilli Lokali jfasslu programm ta' tħaddir li jiġi maqbul mal-Ministeru. It-tħawwil isir matul ix-xhur tal-ħarifa, jiġifieri Ottubru – Novembru u kif il-Kunsilli Lokali jlestu t-tħawwil tagħhom, issir spezzjoni mill-Ministeru sabiex jiġi aċċertat li t-tħawwil sar skont il-ftehim u jingħalaq il-proġett.

Mill-2014 sal-lum, ibbenefikaw 27 Kunsill Lokali f'Malta u f'Għawdex għal total ta' €740,570. Din is-sena l-proġett ta' tħaddir se jsir fuq skala ħafna ikbar mis-snin ta' qabel fejn se jiġu investiti €1.1 miljun sabiex isiru proġetti ta' tħaddir fiż-żoni ta' Malta li huma l-iktar industrijalizzati. B'hekk nibqgħu ntejbu l-ambjent urban tagħna.



Proġett ta' tħaddir f'Ħaż-Żabbar



Proġett ta' tħaddir fil-Marsa

# IS-SIGURTÀ FL-IKEL - GLOBALG.A.P

Dan l-artiklu nkiteb minn
Matthew Tabone
Chief Scientific Officer

Din it-tema ġiet magħżula minħabba l-interess li dejjem qed jiżdied fost il-pubbliku Malti.

Is-sigurtà tal-ikel hija waħda mill-fatturi ewlenin fis-settur tal-ikel. Kemm il-konsumaturi kif ukoll l-awtoritajiet tas-saħħa jitolbu li l-ikel li nikkunsmaw joffri livelli għoljin ta' kwalità u sigurtà tul il-katina kollha tal-produzzjoni u sal-konsum tiegħu min-nies. Jekk ikun hemm problema, jeħtieġ li jiġu identifikati l-kawżi tagħha malajr u tinstab soluzzjoni malajr kemm jista' jkun. Għalhekk, hemm firxa wiesgħa ta' regolamenti u numru ta' ċertifikazzjonijiet li jistgħu jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel sabiex il-konsum tiegħu jkun adattat għall-udjenzi tiegħu.

Wieħed mil-modi kif jiġu mrażżna riskji marbuta mal-katina alimentari hi billi l-prodotti primarji jiġu suġġetti għal diversi ċertifikazzjonijiet li jinsabu fis-suq.

Iċ-ċertifikazzjonijiet huma dokumenti li jiċċertifikaw li l-organizzazzjoni applikanti tissodisfa serje ta' rekwiżiti li jistgħu jkunu ta' natura legali jew regolatorja, kif ukoll ta' natura volontarja. Eżempji ta' dawn iċ-ċertifikazzjonijiet huma l-HACCP, BRC, diversi ISO standards, No GMO u l-GlobalG.A.P.

Illum se nitkellmu fuq iċ-ċertifikazzjoni msemmija fl-aħħar.

Il-GLOBALG.A.P. bdiet fl-1997 bħala EUREPGAP, inizjattiva minn bejjiegħa bl-imnut fl-Ewropa li flimkien ta' dawk Britanniċi bdew jaraw li l-konsumaturi bdew juru tħassib rigward is-sigurtà tal-prodott, l-impatt ambjentali u s-saħħa, is-sigurtà u l-benesseri tal-ħaddiema u l-annimali.

Is-soluzzjoni tagħhom kienet li armonizzaw l-istandards u l-proċeduri tagħhom stess u żviluppaw sistema ta' ċertifikazzjoni indipendenti għal Prattika Agrikola Tajba (G.A.P.).

Tul iż-żmien din iċ-ċertifikazzjoni kibret ħafna u llum kif jixhed isimha din tinsab madwar id-dinja għax saret iċ-ċavetta jew il-passaport li bidwi jrid ikollu sabiex ibih il-prodott tiegħu sew għal pajjiżu u anke fuq livell internazzjonali.

U Malta? Pajjiżna sa mill-2003 beda b'din iċ-ċertifikazzjoni għall-fini ta' esportazzjoni tal-patata Maltija għas-swieq Ewropej. Kull sena numru ta' bdiewa jkunu suġġetti għal skrutinju dwar l-operat tagħhom. Bdiewa magħżula jsirulhom diversi mistoqsijiet ta' kemm intuża demel artifiċjali u dak organiku, kemm intuża bexx, kif intuża l-bexx, xi prekawzjonijiet ittieħdu mill-bdiewa għal saħħithom u ta' dawk ta' madwarhom, mistoqsijiet dwar it-tisqija, kif inżammu l-inġenji u dan kollu jsir sabiex jitnaqqsu r-riskji assoċjati ma' mard sew għal min qed jopera, f'dan il-każ il-bidwi, u għall-konsumatur tiegħu. L-għan ewlieni ta' dan l-istandard hu li l-bidwi jkollu prezz xieraq bl-anqas spejjeż possibbli u jagħti serħan il-moħħ lil minn jixtri prodotti tal-ikel. Ta' min jgħid ukoll li ċerti supermarkets kbar li għandna fostna wkoll jitolbu xi ċertifikazzjonijiet għall-prodotti tal-ikel fosthom din li qed insemmu.

GLOBALG.A.P. illum huwa l-aqwa programm fid-dinja ta' assigurazzjoni tal-biedja, li jittraduċi r-rekwiżiti tal-konsumatur fi Prattika Agrikola Tajba f'lista ta' pajjiżi li qed tikber malajr - bħalissa aktar minn 135.

# KONSULTAZZJONI FUQ IL-POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI (PAK) 2021-2027

Dan l-artiklu nkiteb minn
Malcolm Vassallo
Senior Manager ARPA

Kif diġà semmejna fil-ħarġiet preċedenti ta' Nisġet Artna, bħalissa ninsabu fi żmien fejn qed isiru diskussjonijiet u negozjati kontinwi, kemm lokalment kif ukoll ġewwa Brussell, dwar il-pakkett leġiżlattiv propost mill-Kummissjoni Ewropea biex jirregola l-implimentazzjoni tal-Fondi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għall-perjodu 2021-2027. Għaldaqstant, il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, flimkien mal-MEUSAC, għaddej sa mill-bidu tal-2018 b'konsultazzjoni fuq dawn il-proposti għall-bdiewa u l-partijiet interessati oħra fis-settur agrikolu lokali.

F'Jannar li għadda ntlaqgħet l-istedina sabiex flimkien ma' Mary Camilleri u l-Kumitat Mġarr Farmers Cooperative Society ġiet organizzata sessjoni għall-membri kollha tal-istess koperattiva proprju fis-swali ta' din l-Għaqda. Uffiċjali mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) taw preżentazzjoni dettaljata fejn fiehmu wħud mill-elementi ta' interess ewlieni fil-proposti l-ġodda li jikkonċernaw lil dawn il-bdiewa. Din is-sessjoni kienet waħda interattiva u ta' interess, u għaldaqstant il-parteċipanti kellhom l-opportunità li jistaqsu numru ta' mistoqsijiet u jinstemgħu l-ideat u l-kummenti tagħhom fuq dak li ġie preżentat. Il-kummenti u l-mistoqsijiet huma importanti ferm u twasslu lill-Ministeru, sabiex jingħataw kunsiderazzjoni xierqa u jinfurmaw dwar il-ħidma tiegħu kemm f'dawn in-negozjati, kif ukoll fit-twettiq fis-snin li ġejjin flimkien mal-awtoritajiet l-oħrajn tal-PAK il-ġdida.




Consultation Session - Mgarr Farmers (29.01.2019)

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew tixtieq aktar informazzjoni rigward ir-riforma tal-PAK jew dawn is-sessjonijiet ta' konsultazzjoni, nistednuk tikkuntattja lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) billi ċċempel il-Front Office fuq 2292 6148 jew tibgħat email lill-Aġenzija (arpa.mesdc@gov.mt).

# IT-TAĦRIĠ U L-GĦARFIEN TAL-GĦODDA DIĠITALI... IT-TRIQ 'IL QUDDIEM GĦALL-BIEDJA




GFFA Berlin

Hekk kif f'Berlin tlaqqa' l-Global Forum for Food and Agriculture (GFFA), is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura Clint Camilleri attenda numru ta' laqgħat ma' diversi Ministri tal-Agrikoltura ewlenin fid-dinja, bit-tema prinċipali tkun kif l-agrikoltura jista' jkollha futur aħjar permezz tal-użu tat-teknoloġija u s-soluzzjonijiet diġitali.

Waqt din il-konferenza internazzjonali ġie diskuss kif id-diġitalizzazzjoni tista' ssaħħaħ l-ekonomija, is-sostenibbiltà u l-konservazzjoni tar-riżorsi fil-qasam agrikolu b'mod ħolistiku kif ukoll permezz tal-użu tat-teknoloġija u l-analiżi tad-data, il-bdiewa u raħħala jistgħu joffru l-prodotti tagħhom aktar immirati għad-domanda tal-konsumatur.

Is-Segretarju Parlamentari Camilleri tenna kif l-użu tat-teknoloġija u l-introduzzjoni ta' aktar soluzzjonijiet diġitali huma wħud mill-oqsma ewlenin fi ħdan il-Politika Nazzjonali Agrikola li ġiet ippubblikata għall-ewwel darba s-sena l-oħra. Fil-fatt, huma diversi t-temi fejn din il-Politika Nazzjonali Agrikola qiegħda telenka l-ħtieġa ta' aktar investiment fl-użu tat-teknoloġija u l-oqsma diġitali. Fost dawk identifikati b'mod dirett hemm ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-analiżi tad-data u l-prattiċi użati kif ukoll permezz ta' dawn is-soluzzjonijiet diġitali innovattivi l-bidwi u r-raħħal jista' jtejjeb il-profittabilità u sostenibilità tiegħu.

L-Onor. Clint Camilleri qal li huwa importanti li Malta tilħaq il-miri stabbiliti fl-Aġenda 2030 dwar is-sostenibilità, eżempju dwar l-għajxien ta' ħajja aktar sana u t-tnaqqis fil-povertà u wiegħed li pajjiżna jinsab kommess li jimbotta kemm jista' l-implimentazzjoni ta' dawn l-għanijiet. Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri sostna li "l-fattur primarju huwa li kemm il-bidwi kif ukoll aħna rridu niffukaw l-isforzi tagħna fuq kif il-bdiewa jistgħu jaċċessaw dawn it-teknoloġiji." Huwa kompla jgħid li dan huwa fil-fatt l-għan tal-politika li qiegħed iħaddan il-Gvern.

Madanakollu, Camilleri insista fuq l-importanza ta' aktar taħriġ u għarfien tal-għodda diġitali mill-komunità tal-bdiewa. Sabiex verament jintlaħqu dawn l-għanijiet irid ikun hemm mhux biss bidla fil-kultura imma wkoll riżorsi u inizjattivi adattati biex il-bidwi jtejjeb l-abbiltajiet diġitali.

Is-Segretarju Parlamentari Camilleri temm jgħid li t-teknoloġija u l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali jistgħu effettivament ikunu l-għodda meħtieġa biex aktar żgħażagħ jagħżlu s-settur agrikolu bħala l-karriera ewlenija tagħhom, f'settur li jkun aktar sostenibbli.




GFFA

# L-GĦAŻLA TAL-PRODOTTI TAL-IKEL ORGANIKU U TAL-AGROEKOLOĠIJA

Kull konsumatur għandu dritt li jagħmel l-aħjar għażla fix-xiri tal-prodotti sabiex mhux biss jissodisfa l-bżonnijiet tiegħu, imma aktar minn hekk jasal biex jilħaq il-milja tal-ħajja tiegħu.

Biex tasal għall-aqwa għażla, wieħed irid jaħseb kif jista' jakkwista l-aqwa valur għall-flus fix-xiri tal-prodotti, basta jkollu informazzjoni ċara u korretta. Dan l-approċċ japplika għal kull tip ta' xiri tal-prodotti u jgħodd ukoll għal xiri tal-prodotti tal-ikel.

Fil-preżent l-għarfien ġenerali tal-poplu qed jiżdied fuq l-istil ta' ħajja ta' kwalità tajba. Ikel nutrittiv u ta' kwalità tajba sar prijorità fis-soċjetà tagħna u l-pubbliku huwa konċernat kif ukoll interessat fuq it-tkabbir u l-ipproċessar ta' ikel san daqs l-applikazzjoni ta' prattiċi agroambjentali tajbin.

Il-poplu huwa kontra l-moħqrija tal-annimali u favur it-tnaqqis tal-emissjoni tal-gassijiet li qed jagħmlu ħsara lis-saff tal-ożonu. Ħafna Stati Membri tal-UE u pajjiżi industrijalizzati poġġew fuq l-aġenda politika tagħhom il-bidla tal-klima u l-għarfien ekoloġiku qed jitferrex fil-klassijiet tal-iskejjel ta' dawn il-pajjiżi.

In-numru tal-konsumaturi li jixtru l-ikel organiku qiegħed dejjem jikber. 80% tal-ikel organiku fid-dinja jitkabbar fil-kontinent Ażjatiku. Studji wrew li l-ikel organiku huwa aħjar minn ikel imkabbar bl-użu tal-kimika sintetika. Hemm diversi raġunijiet għal dan, fosthom li l-persuni li jsofru minn allerġiji minħabba l-kimika jew minn xi priservattivi tal-ikel naqsu li jkollhom sintomi negattivi wara li għażlu li jieklu ikel organiku biss! L-Istati Membri tal-UE jimpurtaw il-maġġoranza tal-ikel organiku minn barra l-Unjoni Ewropea. Il-konsumaturi fl-Unjoni Ewropea jaffaċċjaw diffikultà kbira kif jagħrfu jixtru l-prodotti organiċi fejn l-aktar ħaġa diffiċli għalihom tidher li hija t-tikketta tal-prodotti u l-benefiċċji għas-saħħa meta jixtruhom.

Xi tfisser il-kelma "organika"?

Il-kelma "organika" tirreferi għall-metodi użati fl-agrikoltura skrutinati taħt superviżjoni kompetenti fit-tkabbir ħolistiku ta' frott, ħxejjex u ikel sħiħ mingħajr ma jkun imċappas b'xi kimika jew imbagħbas b'mod bijoloġiku bħal fil-każ ta' ikel ġenetikament modifikat li kultant jinbiegħ bl-imnut jew inkella jkun proċessat. Kull prodott u proċess użat fil-produzzjoni organika jrid ikollu l-permessi kollha tal-Awtorità. Qabel il-produzzjoni jkun hemm pjan ippreżentat lill-Awtorità li tirregola l-ħruġ taċ-ċertifikat tal-organiku u wara l-produzzjoni jittieħdu kampjuni tal-prodott għall-ispezzjoni. Bħala żmien biex taqleb minn biedja konvenzjonali għal biedja organika, wieħed irid jistenna tliet snin. Hawn min jaħseb li fil-biedja organika, ma jintużax bexx, li mhux minnu u għalhekk il konsumatur irid ikun mgħarraf sewwa. Fl-agroekoloġija ma jintużax bexx bħal fil-biedja organika u huwa metodu differenti għaliex jintuża sugu ta' pjanti naturali biex ikabbar u jfejjaq il-ħxejjex.

Kull prodott iċċertifikat organiku jrid jitkabbar u jkun ppproċessat taħt regolamenti u regoli speċifiċi taħt il-leġiżlazzjoni tal-Biedja Organika. Il-kwalità tal-produzzjoni hija ta' standard għoli. Dawn l-istandards jinfirxu fuq kull stadju tal-katina tal-ikel fejn l-aspetti kollha tal-prodotti tal-ikel - li jvarjaw minn produzzjoni tal-laħam fejn l-annimali jkollhom id-drittijiet tagħhom imħarsa kif ukoll il-konservazzjoni ta' ħlejjaq fil-kampanja - tkun appoġġjata b'mod sħiħ, bħalma l-ipproċessar u l-ippakkjar tal-prodotti tal-ikel ikunu konformi wkoll mal-ogħla standards tal-leġiżlazzjoni organika.

Fil-verità, il-biedja organika mhix biss it-tkabbir ta' ikel mingħajr il-pestiċidi sintetiċi, imma wkoll tħares in-newba fejn ir-rotazzjoni tal-uċuħ fuq medda ta' minimu erba' snin tkun parti integrali minn użu effiċjenti tar-riżorsi fuq is-sit! L-istess kunċett japplika għat-tkabbir tal-annimali għall-produzzjoni tal-laħam. Tajjeb li wieħed ikun jaf li l-pestiċidi sintetiċi jinvolvu kimika artifiċjali waqt li pestiċidi organiċi huma dawk il-minerali li jinstabu fil-barrieri bħal ramm, kubrit u oħrajn.

Il-produtturi organiċi jridu jkunu ċċertifikati u rreġistrati kif ukoll iridu jsegwu lista ta' prattiċi agroambjentali tajba li jkebbsu l-prinċipju tas-saħħa fejn is-saħħa tal-bniedem kemm jekk tkun tal-bidwi jew tal-konsumatur kif ukoll is-saħħa tal-pjanti u tal-annimali jkunu valorizzati; il-prinċipju tal-kura jara li ma jkunx hemm moħqrija tal-annimali u kif l-annimali jimirħu fi spazju miftuħ; il-prinċipju tat-trasparenza fejn l-ispiża tal-produzzjoni tkun ġusta u ma jkunx hemm spejjeż moħbija li kultant jagħmlu ħafna ħsara lill-ambjent u lill-bniedem mal-firxa taż-żmien; il-prinċipju ekoloġiku fejn l-ambjent bħall-arja, l-ilma, il-ħamrija u l-ekosistemi huma għeżież u jkunu mħarsa b'kull atteġġjament agrikolu .

Ir-rispett tal-bdiewa fejn l-ambjent jibqa' fundamentali fejn l-enerġija u r-riżorsi naturali jintużaw b'mod għaqli, sostenibbli

Dan l-artiklu nkiteb minn
Mario Salerno

u responsabbli. Il-bdiewa għandhom rwol addizzjonali biex jissalvagwardjaw il-kampanja li hija parti minn ħajjithom u li huma l-istewards tal-widien, għelieqi, il-ħitan tas-sejjieħ, ix-xagħri u tal-makja.

Nifhmu t-tiketti tal-ikel u tal-prodott organiku

Fl-Unjoni Ewropea l-konsumatur għandu jfittex il-logo aħdar tal-prodotti organiċi magħruf ukoll bħala l-werqa l-ħadra ffurmata minn stilel. Dan il-logo ma jistax jintuża għall-prodotti mhux organiċi u jingħata wara li jkunu eżawriti l-ispezzjonijiet u l-analiżi kollha tal-prodott organiku. It-tiketta hija l-logo.

Dan il-logo jindika li l-prodott li hu għall-bejgħ huwa konformi b'mod sħiħ mal-kundizzjonijiet u mar-regolamenti tal-biedja organika kif stabbilit mill-Unjoni Ewropea. Għall-prodotti pproċessati jfisser li tal-anqas 95% mill-ingredjenti agrikoli huma ċertifikati bħala organiċi. Il-logo bil-werqa l-ħadra jkollu taħtu indiċi bl-informazzjoni kollha fuq fejn tkabbar il-prodott, min ikabbru u t-traċċabilità tal-prodott organiku permezz tan-numru kodiċi maħruġ mill-Awtorità ta' Kontroll.

Għal aktar infomazzjoni fuq il-lista tal-produtturi organiċi lokali, wieħed jista' jfittex fuq http://www.mccaa.org.mt/en/organic-farming




Ħaxix organiku

# MIS-SALVAĠĠ GĦALL-PLATT

Tista' tgħid li kull tip ta' ħaxix li jispiċċa fil-borma, fit-taġen u fuq il-platt tiegħek xi darba oriġina mis-salvaġġ. U kif! Insomma, mhux eżatt. Il-verità hi li qabel mal-bniedem beda jikkultiva l-ħxejjex tiegħu, ma kellux għażla ħlief li jiġbor pjanti slavaġ u jikolhom direttament jew għall-użu immedjat. Madanakollu, il-bniedem ma baqax nomadu, u beda jkabbar il-ħxejjex slavaġ fejn kien joqgħod, u wara eluf ta' snin, dawk il-ħxejjex inbidlu totalment mill-bidu tal-kultivazzjoni tagħhom. Saħansitra, uħud mill-antenati tagħhom m'għadhomx jeżistu, u jitkattru biss permezz tal-għajnuna tal-bniedem, qishom saru ħaġa waħda mal-bniedem, jimxu id f'id.

Minkejja dan, għad hawn ħafna pjanti li baqgħu slavaġ, inbidlu ftit li xejn, u xorta baqgħu tajbin għall-ikel. Ma jonqosx ukoll li għandhom ħafna benefiċċji daqs, jekk mhux iktar mill-ħxejjex ikkultivati mill-bidwi.

Id-diversità ta' speċi li jittieklu hija meravilja, kemm speċi slavaġ, kif ukoll razez ta' speċi kkultivati. Il-lista hija kważi bla tmiem. F'dan l-artiklu ħa nitfukaw fuq l-ispeċi slavaġ li nsibu fil-Gżejjer Maltin, xi wħud magħrufin sew kemm mal-Maltin, kif ukoll mal-barranin, speċjalment meta jiffurmaw parti mill-gastronomija Mediterranja. Pjanti slavaġ jistgħu jittieklu b'żewġ modi; 1) direttament jew friski, jew 2) ippreparati f'forma ppriservata jew jissajru.

Bla dubju l-iktar xitla salvaġġa li tintuża mal-famuża ħobża biż-żejt hija l-kappara *(Capparis orientalis)*. Hija arbuxell goff li jikber mas-sisien, mas-swar, fix-xagħri u mal-ħitan tas-sejjieħ, u l-fjura immatura hi l-iktar parti li tittiekel f'Malta, għalkemm iz-zkuk u l-miżwed immatur huma popolari f'pajjiżi oħra. Il-fatt li hu arbuxell komuni fis-salvaġġ hawn Malta huwa ironiku għax ifisser li m'għadux jinġabar daqs qabel, għax il-fjura titħalla timmatura u żżerra', allura l-ispeċi titkattar iktar.

Arbuxelli oħra ferm iktar rari li jinġabru mis-salvaġġ għall-użu fl-ikel huma l-klin *(Rosmarinus officinalis)* u s-sagħtar *(Thymbra capitata)*. Il-klin huwa arbuxell skars ħafna fis-salvaġġ, allura l-ġbir tiegħu mhux permess għall-użu kummerċjali. Minkejja li s-sagħtar huwa komuni fix-xagħri, xorta mhux permess li jinġabar, għax huwa protett, bħall-klin, l-aktar minħabba li kien jinġabar għall-presepji. Iż-żewġ speċi huma tal-istess familja ta' pjanti, u huma t-tnejn aromatiċi, li jistgħu jintużaw bħala ħwawar.

Pjanti oħra li jittieklu għandhom ċiklu annwali f'ħajjithom, jew ikunu ħodor biss fix-xitwa, u huma ferm inqas popolari mal-Maltin fil-kċina. Fost id-diversi familji ta' speċi li jeżistu, hemm siġar li jikbru malajr. Il-maġġoranza huma komuni, mingħajr abitat speċjalizzat, partikolarment fejn hu mħarbat mill-bniedem. Il-widien huma wkoll ambjent ideali minħabba l-ilma ġieri. Fix-xagħri u fl-isteppa, fejn hemm inqas ilma, ukoll insibu xi ftit minnhom. Il-maġġoranza huma indiġeni għal Malta, filwaqt li ftit minnhom ġew introdotti u nfirxu ġmielhom.

Fost l-ispeċi introdotti li huma tajbin għall-ikel insibu l-kabuċinella, il-qarsu u l-bżar falz. Il- kabuċinella *(Tropaeolum majus)* li oriġinat fil-Bolivja, hija pjanta annwali li titkaxkar bl-istess manjiera tad-dullieġħ u l-qaraħmar, fejn iz-zokk prinċipali jinfirex mal-art imma l-weraq u l-fjuri huma weqfin fl-ajru. Il-weraq huma tondi u l-fjuri jistgħu jkunu sofor, oranġjo jew ħomor. It-tnejn huma tajbin għall-ikel imma filwaqt li l-weraq kważi bla togħma, il-fjuri għandhom żewġ togħmiet differenti; il-biċċa tal-petali u tad-dakkra xi ftit jaħarqu, waqt li l-biċċa tubu fejn jinżamm iz-zokkor huwa naturalment ħelu. Filwaqt li hija tajba mal-insalata, tista' tintuża bħala ripellant kontra l-insetti li jaffettwaw id-dullieġħ, il-qarabagħli, il-qaraħmar, u l-qaratwil fost l-oħrajn.

Kulħadd jaf bil-qarsu, jew bil-ħaxixa Ingliża *(Oxalis pes-caprae)*, li mliet lil Malta, imma ftit jafu li tista' tintuża għall-ikel. Mhux qed ngħid għaz-zokk qares li huwa aċiduż, imma għat-tuberi ta' taħt l-art, li jistgħu jintużaw bħala djuretiku. Il-ħaxixa Ingliża oriġinat fl-Afrika t'Isfel fejn tintuża fis-sopop u fil-borom tradizzjonali tal-pajjiż.

Iż-żerriegħa tas-siġra tal-bżar falz *(Schinus terenbinthifolius)*, siġra salvaġġa fil-Brażil u invażiva f'Malta, tista' tintuża bħala ħwar mal-ġobon, partikularment il-feta. Siġar u xtieli kbar indiġeni għall-Gżejjer Maltin, li nsibuhom fil-widien u li għandhom il-frott tajjeb bħala deżerta, minn barra l-importanza tagħhom għall-għasafar lokali, huma ż-żagħrun *(Cratagues monoygma)* u l-għollieq *(Rubus umlifolius)*.

Pjanti oħrajn komuni f'art imħarbta huma l-ispeċi diversi ta' ħobbejż, bħall-ħobbejża tas-siġra *(Malva arborea)*, il-ħobbejża tar-raba' *(Lavatera cretica)*, il-ħobbejża tat-toroq *(Malva sylvestris)* u l-ħobbejża tal-warda kbira *(Lavatera*



Budebbus



Bużbież il-baħar

*trimestris)*. L-isem ġeneriku Malti ġej mill-fatt li ż-żerriegħa għandha forma ta' ftira żgħira qabel taqa'. Iż-żerriegħa hija tajba għall-konsum meta tkun ħadra. Il-weraq ukoll jintuża fit-tisjir u fil-mediċina. Il-qoton *(Gossypium sp.)* huwa l-unika xitla agrikola fil-Mediterran li tifforma parti minn din il-familja ta' pjanti.

Pjanta li tikber ħafna fis-sajf, sakemm tiġi l-kesħa tax-xitwa, hija l-budlieqa *(Portulaca olearecea)*. Minkejja li hija ġeneralment ikkunsidrata bħala ħaxixa ħażina fil-qsari u fir-raba', hija waħda mill-iktar pjanti tajbin għall-ikel. Lokalment tingħata ħafna lill-għasafar tal-għana, imma min hu dilettant tal-kċina jaf jużaha mal-insalata. Fil-Greċja din ix-xitla hija popolari ħafna fl-insalati, u ilha tintuża minn żmien il-preistorja f'diversi inħawi tad-dinja. Bħall-kabuċinella, tista' titkabbar ukoll fi qrubija ma' xtieli oħrajn f'relazzjoni simbjotika.

Familja oħra ta' pjanti tajbin għall-kċina tikkonsisti mill-ispeċi relatati maz-zunnarija, fejn insibu l-bużbież komuni *(Feoniculum vulgare)*, il-bużbież il-qamħ *(Ridolfia segetum)*, il-karfus il-ħmir *(Smyrnium olusatrum)*, u l-bużbież il-baħar *(Crithmum maritmum)*. Iz-zunnarija salvaġġa *(Daucus carota subsp. carota)* hija x'aktarx l-antenata diretta taz-zunnarija kkultivata, imma s-salvaġġa għad m'għandhiex użu prinċipali fil-kċina, speċjalment il-konsum nej tagħha. Il-bużbież komuni huwa tajjeb għall-ikel, speċjalment iż-żerriegħa li tradizzjonalment tintuża mal-patata l-forn, imma l-weraq huma tajbin friski mal-ħobż biż-żejt. Il-bużbież komuni huwa l-antenat dirett tal-bużbież tal-basla, li wieħed isib jixtri. Il-bużbież il-qamħ għandu riħa simili għal dik tax-xibt *(Anethum graveolens)*, bl-Ingliż *dill*. Kemm ix-xibt, kif ukoll il-bużbież il-qamħ, jistgħu jintużaw bħala ħwawar, u bħala ħaxix frisk. Ġeneralment, il-bużbież huwa vantaġġuż għan-nisa li jreddgħu t-trabi. Il-bużbież il-baħar huwa arbuxell kostali, li f'Malta ma jintużax, imma fil-Gżejjer Britanniċi sabulu skop kulinari. Il-karfus il-ħmir kien jintuża fl-antik qabel il-karfus komuni *(Apium graveolens)*, imma m'għadux jintuża. Apparti l-karfus komuni, li huwa rari fis-salvaġġ, it-tursin *(Petroselinum crispum)* huwa kkultivat ġmielu u, bħall-karfus komuni, taħrab xi waħda 'l hemm u 'l hawn. Il-kemmun *(Cuminum cyminum)* kien jiġi kkultivat ġmielu f'Malta, iżda m'għadux illum.

Il-familja tal-kaboċċi għandha wkoll xtieli slavaġ tajbin għall-ikel, fosthom il-ġargir isfar *(Diplotaxis tenufolia)* u l-krexxuni *(Nasturtium officinale)*. Filwaqt li l-ġargir isfar huwa arbuxell żgħir li jikber kullimkien, il-krexxuni jiddependi ħafna mill-ilma, allura huwa ristrett għal postijiet bl-ilma ġieri jew għadajjar temporanji. It-togħmiet ta' dawn iż-żewġ speċi huma pikkanti ħafna u għalhekk il-konsum tagħhom huwa limitat. Pjuttost huma iktar adegwati bħala ħwawar milli nejjin.

Il-familja tal-ful u l-piżelli hija varjata wkoll. Pjanta komuni ħafna li tintuża għall-għalf tal-bhejjem hija bla dubju s-silla *(Hedysarum coronarium)*, imma l-fjuri tagħha tajbin għall-bniedem ukoll. Bla dubju, il-fjuri tagħha huma sors kbir ta' zokkor għan-naħla, bħal ħafna speċi tar-rebbiegħa. Speċi ferm inqas komuni li jintużaw bħala għalf huma l-ġulbiena sewda *(Vicia sativa)* u ċ-ċikkarda *(Lathyrus ochrus)*, li t-tnejn jikbru fis-salvaġġ ukoll. Il-widnet il-fenek *(Scopurius muricatus)* kienet tintuża fil-qedem, imma issa m'għadhiex. Speċi oħra tal-istess familja li jistgħu jittieklu nejjin huma l-ġulbiena tas-serp *(Lathyrus clymenum)*, il-qrempuċ *(Lotus edulis)* u l-kafè Messikan *(Astralagus boeticus)*, li ż-żerriegħa tagħhom, bħall-piżelli u l-ful, hija tajba għall-ikel. Il-ġulbiena tas-serp hija kkultivata kummerċjalment f'Santorini, gżira fil-Greċja, fejn hi wkoll protetta b'mod agrikolu. Il-konsum tal-ġulbiena għandu jkun limitat minħabba l-latiriżmu, li hija marda newroloġika.

Familja kbira ta' pjanti hija dik tal-qaqoċċ *(Cynara cardunculus var. scolymus)*, fejn insibu wkoll il-fjura tax-xemx *(Heliantus annuus)*, l-artiċoks *(Heliantus tuberosus)* u l-ħass *(Lactuca sativa)* bħala wċuħ tar-raba'. L-għosfor *(Carthamus tinctorius)*, li jintuża bħala żerriegħa għall-għasafar, kien ikkultivat b'mod kummerċjali f'Malta, iżda kważi sparixxa. Madanakollu, xtieli slavaġ ta' din il-familja wkoll jintużaw, bħaċ-ċikwejra *(Chicorium intybus)*, it-tfief komuni *(Sonchus olearaceus)*, iż-żigland tal-pizzi *(Hyoseris radiata)*, il-qaqoċċ tax-xewk *(Cynara cardunculus)* u x-xewk tal-Madonna *(Silybum marianum)*. Dawn l-ispeċi rari ħafna jintużaw għall-konsum mill-bniedem, imma t-tfief jintuża wkoll għall-fkieren tal-art. Il-qaqoċċ tax-xewk u x-xewk tal-Madonna jridu jkunu mgħollijin biex ikunu tajbin. Iż-żigland tal-pizzi jista' jsir tip ta' te minnu. Iċ-ċikwejra hija magħrufa għall-użu tagħha bħala ingredjent mal-kafè. Arbuxell ieħor



Fidloqqom Abjad



Fidloqqom Ikħal



Fidloqqom Roża

IKOMPLI FIL-PAĠNA LI JMISS

li bħall-bużbież il-baħar jintuża fil-Gżejjer Britanniċi huwa x-xorbett *(Limbarda crithmoides)*, li huwa komuni f'Malta.

Pjanti oħra li huma ferm inqas magħrufin għall-konsum lokali huma l-ispraġġ xewwieki *(Asparagus aphyllus)*, ovvjament meta jkun bla xewk (kemm frisk u kemm mgħolli), denb id-dib *(Amaranthus sp.)*, is-selq salvaġġ *(Beta vulgaris)*, il-ħurrieq *(Urtica urens)*, u l-fidloqqom *(Borago officinalis)*. Il-weraq tal-fidloqqom u tal-ħurrieq huma magħrufin għas-sogħla, imma l-fjuri tal-fidloqqom huma tajbin friski, kif ukoll bħala ingredjent ħelu ma' ikel ieħor. Il-weraq tas-selq u tad-denb id-dib huma tajbin qishom bħal tal-ispinaċi. L-għerq tal-budebbus *(Orobanche sp.)*, li huma pjanti parassiti fuq pjanti oħra, ġieli huma msemmijin għall-użu mal-ikel, imma l-valur kulinari tal-budebbus għadu pjuttost dubjuż, u mhux ta' min sempliċement jipprova dawn ix-xtieli għall-ikel.

Hekk kif qrajtu, tistgħu faċilment tiġbru platt sħiħ ta' insalata mis-salvaġġ, imma qabel tikkunsidraw tibdew din l-avventura gastronomika, dejjem ikkonsultaw mal-esperti botaniċi. Hawn ħafna pjanti velenużi li wieħed għandu jevita. L-ikla t-tajba!

Dan l-artiklu nkiteb minn
Jeffrey u Arnold Sciberras
Riċerkaturi tal-Bijodiversità


Kabuċinella


Kappar


Klin


Ħaxixa Ingliza


Ġilbiena Tas-Serp


Frott tal-Għollieq


Ħobbejża tas-Siġra

# L-2020: IS-SENA INTERNAZZJONALI GĦAS-SAĦĦA TAL-PJANTI

Fl 20 ta' Diċembru 2018, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) ipproklamat is-sena 2020 bħala s-Sena Internazzjonali għas-Saħħa tal-Pjanti (IYPH).

L-iskop ta' din is-sena partikolari huwa dak li jsaħħaħ l-għarfien mal-pubbliku ġenerali, kif ukoll dawk responsabbli mit-tfassil ta' politika dwar l-importanza ta' pjanti b'saħħithom. Din is-sena se tkun qed tenfasizza wkoll dwar in-neċessità li l-pjanti jkunu mħarsa sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Finlandja kienet l-ewwel li pproponiet il-proklamazzjoni tas-sena lill-korp governattiv tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC) fl-2015, liema proposta rċeviet appoġġ internazzjonali enormi fil-Kummissjoni tal-IPPC dwar Miżuri Fitosanitarji, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO). L-IPPC huwa trattat internazzjonali li daħal fis-seħħ fl-1952 u li jipprovdi qafas sabiex jipproteġi r-riżorsi tal-pjanti fid-dinja mill-ħsara kkawżata mill-pesti. Bħalissa dan huwa kompost minn 183 parti kontraenti.

Jari Leppä, il-Ministru għall-Agrikoltura u l-Forestrija tal-Finlandja jgħid li: "Il-pesti u l-mard ma jġorrux passaporti jew josservaw ir-rekwiżiti tal-immigrazzjoni u, għalhekk, il-prevenzjoni tat-tixrid ta' organiżmi bħal dawn hija impriża fuq livell internazzjonali li teħtieġ il-kollaborazzjoni tal-pajjiżi kollha. Huwa għalhekk li l-Finlandja pproponiet li tipproklama l-2020 is-Sena Internazzjonali għas-Saħħa tal-Pjanti."

Jingyuan Xia li huwa s-Segretarju tal-IPPC ikompli jtenni li: "Minkejja l-impatt dejjem

Dan l-artiklu nkiteb minn
Simone Galea
Assistant Principal

akbar tal-insetti tal-pjanti, ir-riżorsi huma skarsi biex jindirizzaw il-problema. Nisperaw li din is-Sena Internazzjonali ġdida għas-Saħħa tal-Pjanti tinstiga kollaborazzjoni globali li tappoġġja l-politika għas-saħħa tal-pjanti fil-livelli kollha, li se tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli."

Preżentament il-pesti tal-pjanti huma l-kawża ta' telf ta' ċirka 40% tal-uċuħ tal-ikel madwar id-dinja. Minn perspettiva ekonomika, dan it-telf ikkaġunat mill-mard tal-pjanti jammonta għal madwar €190 biljun kull sena, filwaqt li insetti invażivi jlaħħqu telf ta' madwar €60 biljun.

L-Assemblea Ġenerali tan-NU stiednet lill-FAO, mas-Segretarjat tal-IPPC, biex isservi bħala l-aġenzija ewlenija biex tmexxi l-attivitajiet u stiednet lill-gvernijiet, lis-soċjetà ċivili u lis-settur privat biex jimpenjaw ruħhom f'livelli globali, reġjonali u nazzjonali. Il-Konferenza Internazzjonali dwar is-Saħħa tal-Pjanti se tkun fost eluf ta' avvenimenti għas-saħħa tal-pjanti li se jsiru globalment matul l-2020. Ta' min wieħed iżid jgħid lis-Segretarjat Parlamentari għall-Agrikoltura u s-Sajd ukoll bi ħsiebu jorganizza diversi avvenimenti f'Malta, li se jikkumplimentaw il-kampanja ta' informazzjoni li digà qiegħed iwettaq.

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti huwa l-awtorità nazzjonali li għandha l-kompitu li tipproteġi l-ambjent u l-agrikoltura ta' Malta kontra l-introduzzjoni ta' pesti ta' periklu għall-pjanti. Is-Segretarjat se jkun attiv f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet biex iqajjem kuxjenza dwar is-saħħa tal-pjanti, filwaqt li jistieden lill-organizzazzjonijiet ambjentali u professjonisti biex jagħmlu s-suġġerimenti taghhom għal avvenimenti tal-IYPH li se jseħħu f'Malta fl-2020.

Minn issa 'l quddiem, l-10 ta' Frar ta' kull sena se jkun immarkat bħala l-Jum Dinji tal-Legumi, bil-għan li jżid il-momentum tal-legumi wara l-Kampanja tas-Sena Internazzjonali tal-Legumi tal-2016 tal-FAO. Dan emfasizza kif il-legumi li qed jikbru jikkontribwixxu għall-produzzjoni sostenibbli tal-uċuħ tar-raba', kif ukoll in-nutrijenti vitali pprovduti minn dawn l-elementi importanti tad-dieta tagħna. Il-legumi huma sorsi importanti ta' vitamini B, manjesju, potassju, fosfru u żingu, u joffru għażla djetetika ta' fibra ogħla b'kaloriji inqas miċ-ċereali.

Il-Jum Dinji għas-Sigurtà tal-Ikel se jseħħ fis-7 ta' Ġunju ta' kull sena li jkun qed jagħti ġieħ lill-kwistjoni dejjem aktar importanti fis-sistemi tal-ikel interkonnessi ħafna tal-lum. L-FAO tinnota b'sodisfazzjon li r-riżoluzzjoni tan-NU għarfet li "m'hemm l-ebda sikurezza tal-ikel mingħajr sigurtà tal-ikel."

L-2020: Is-Sena Internazzjonali għas-Saħħa tal-Pjanti

Is-saħħa tal-pjanti hija s-sisien tal-ħajja, tal-funzjonijiet tal-ekosistemi, kif ukoll is-sisien



L-10 ta' Frar ta' kull sena se jkun immarkat bħala l-Jum Dinji tal-Legumi
Sors: https://m.nutritioninsight.com/news/un-proclaims-2020-the-international-year-of-plant-health-amid-food-security-theme-awareness-push.html

tas-sigurtà globali tal-ikel tagħna. Mill-banda l-oħra, l-insetti u l-mard tal-pjanti jġibu magħhom ħsara lill-prodotti agrikoli, tnaqqis fil-provvista tal-ikel u ż-żieda fin-nefqa tiegħu. Saħħa tal-pjanti sostenibbli tipproteġi l-ambjent, il-foresti u l-bijodiversità minn pesti tal-pjanti. Dan huwa wkoll ta' impatt pożittiv fuq l-effetti tat-tibdil fil-klima u ta' appoġġ lejn l-isforzi sabiex jitrażżnu l-ġuħ, il-faqar u n-nutrizzjoni ta' kwalità ħażina.



Sors: https://m.nutritioninsight.com/news/un-proclaims-2020-the-international-year-of-plant-health-amid-food-security-theme-awareness-push.htm

# IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TA' ITRIA F'BINĠEMMA

Dan l-artiklu nkiteb minn
David Bartolo
Riċerkatur tal-istorja ta'Malta


Photo - @ Malta Panorama

Binġemma huwa lok bejn l-Imġarr u r-Rabat u jipposjedi fih diversi postijiet storiċi apparti s-sbuħija naturali.

Dawn il-postijiet storiċi huma l-Kappella tal-Madonna ta' Itria, il-Fortizza ta' Binġemma, parti mill-Victoria Lines, diversi curt ruts, oqbra li jmorru lura għal żmien il-ħakma Rumana u għadd ta' għerien li kienu jservu ta' abitazzjoni.

Il-Kappella tal-Madonna ta' Itria, proprjament hija magħrufa bħala ta' Hodegitria. Hija ngħatat dan it-titlu għall-ikona tal-Madonna ta' Hodegetria li kienet meqjuma fil-Monasteru ta' Hodegon qrib Kostantinopli li llum hija Istanbul fit-Turkija. Hodegetria bil-Grieg tfisser "Dik li turi t-triq". Id-devozzjoni lejn din l-Madonna waslet Malta mill-Griegi li kienu emigraw fi Sqallija u wara ġabuha Malta minn hemmhekk.

Il-kappella oriġinali kienet inbniet min-nobbli Giovanni Maria Xara fl-1600 f'dan il-lokal li kien jippartjeni lilu. Minħabba li kienet traskurata u bdiet teqdiem, l-Isqof Molina pprofanaha fl-1658. Ftit wara fl-1680, il-Baruni Stanislaw Xara li kien in-neputi ta' Giovanni Maria Xara bena minn flusu l-kappella li hemm illum.

Il-kwadru titulari huwa kopja tal-pittura oriġinali li kien tpitter minn Stefano Erardi fl-1681. Dan kien tneħħa minn hawn minħabba l-biża' li seta' jinsteraq u dan jinsab fil-Mużew ta' Sant'Agata fir-Rabat, Malta.


Photo - John Desira

# IT-TRASFERIMENT TAL-QBIELA TAL-ART AGRIKOLA

Il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima José Herrera, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali Ian Borg, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Propjetà Chris Agius u s-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri indirizzaw konferenza stampa dwar l-Avviż Legali 438 li jittratta b'mod partikolari t-trasferiment tal-qbiela tal-art agrikola.

Waqt l-istess konferenza intqal kif dan il-Gvern għal darb'oħra indirizza sitwazzjoni li kienet ilha teżisti f'pajjiżna għal għexieren ta' snin, fejn art agrikola li tista' tinħadem biex tagħti l-frott ma setgħetx tiġi mgħoddija b'mod ġenwin lill-bdiewa li għandhom għal qalbhom is-settur tal-biedja u li lesti jaħdmuha biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom minnha. L-isfida tat-trasferiment tal-art agrikola fil-fatt kienet ilha ġejja minn diversi snin preċedenti. Iżda dan il-Gvern huwa konxju li l-bdiewa li għandna f'pajjiżna huma riżors importanti li mhux biss jgħin biex ikollna prodotti ġenwini Maltin u biex jagħti kontribut pożittiv lill-ekonomija ta' pajjiżna, imma wkoll biex ikompli jsebbaħ il-pajsaġġ ta' Malta u Għawdex, u għalhekk ħadem biex isewwi din is-sitwazzjoni.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura Clint Camilleri emfasizza li dawn ir-regolamenti li qed jidħlu huma parti mill-politika ħolistika tal-Gvern dwar is-settur agrikolu mnedija s-sena l-oħra, fejn proprju ġie elenkat il-bżonn li jinbidlu r-regolamenti fejn jidħlu trasferimenti jew assenjazzjonijiet tal-art. "Dan għal darb'oħra jixhed kif bħala Gvern aħna kommessi li nkomplu naħdmu biex inġibu lil dan is-settur aktar sostenibbli," temm jgħid l-Onor. Clint Camilleri.



Photo - DOI - JEREMY WONNACOTT

MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA



# DOWNLOAD THE MALTA ANIMAL WELFARE APP

- REPORT ABUSE
- ADOPT A PET
- FOUND PET
- REPORT EMERGENCY

Scan me

IOS

# IL-KUNSILL TAL-AGRIKOLTURA U S-SAJD (AGRIFISH)




Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri flimkien mal-Ministri tal-Estonja Tarmo Tamm u ta' Ċipru Costas Kadis qabel il-bidu tal-laqgħa tal-Ministri Ewropej tal-biedja u s-sajd



Wara laqgħa bilaterali mal-Kummissarju Ewropew għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali



Il-Kunsill tal-Ministri Ewropej tal-Agrikoltura u s-Sajd



Flimkien mal-Ministru għall-Agrikoltura Rumen Petre Daea




Flimkien mal-Ministru għall-Agrikoltura Olandiża Carola Schouten

# MOBILE APPS U SISTEMA ĠDIDA TA' MONITORAĠĠ TAL-OBBLIGI TAL-BDIEWA

Dan l-artiklu nkiteb minn
Malcolm Vassallo
Senior Manager ARPA

Fis-sena 2019, l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) adottat sistema ġdida ta' kif isiru l-verifiki taħt l-iskema tal-Appoġġ Akkoppjat Volontarju għas-settur tat-tadam għall-ipproċessar. Dan qed isir permezz ta' monitoraġġ kif stipulat fl-Artikolu 40a tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea numru 809/2014. Il-monitoraġġ jinvolvi sensiela ta' ritratti meħuda mis-satelliti matul iż-żmien tat-tkabbir tat-tadam, bil-għan prinċipali li dan il-monitoraġġ ikun mifrux matul il-perjodu kollu tat-tkabbir u mhux f'punt wieħed biss tal-produzzjoni.

Il-benefiċċju ewlieni ta' dan il-metodu ġdid ta' monitoraġġ huwa li permezz tiegħu l-Aġenzija tista' tidentifika ċerti irregolaritajiet fi stadju bikri biex b'hekk il-bidwi jingħata l-opportunità li jirrevedi l-applikazzjoni tiegħu b'mod li dak li għandu ddikjarat jirrifletti dak li verament hemm imħawwel fl-għalqa tiegħu. Għaldaqstant, b'din il-proċedura l-bidwi jkun jista' jiżgura li jieħu pagament sħiħ kif jistħoqqlu.

Sabiex titħaddem sew il-proċedura li spjegajna hawn fuq, fl-aħħar tas-sena 2018, l-Aġenzija nediet ukoll żewġ Mobile Apps, "BiedjaCam" u "BiedjaInfo". Permezz ta' dawn l-Apps il-bdiewa se jkunu jistgħu jikkomunikaw direttament mal-Aġenzija permezz ta' messaġġi jew ritratti meħuda fuq il-post li jservu ta' evidenza ta' xogħolhom u ta' dak li hemm imħawwel, filwaqt li jinżammu kontinwament aġġornati dwar xi żviluppi jew l-eżitu tal-proċedura ta' monitoraġġ fuq l-għelieqi tagħhom. Għaldaqstant, il-benefiċjarji kollha tal-Appoġġ Akkoppjat Volontarju għas-settur tat-tadam għall-ipproċessar huma mħeġġa li jniżżlu dawn l-Apps u jiffamiljarizzaw ruħhom ma' kif jitħaddmu. Fl-istess ħin l-Aġenzija se tkun qed torganizza sessjonijiet ta' taħriġ u ta' informazzjoni għall-bdiewa, dwar il-monitoraġġ u dwar kif għandhom jintużaw il-Mobile Apps f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, wieħed jista' jsib ukoll linji gwida dwar kif tniżżel u tattiva l-Apps fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija https://agriculture.gov.mt/en/arpa/Pages/ARPAhome.aspx.

Għal aktar informazzjoni rigward il-monitoraġġ u l-Mobile Apps imsemmija tista' ċċempel il-Front Office tal-Aġenzija fuq 222 61 48 jew tibgħat email lill-Aġenzija (arpa.mesdc@gov.mt).

# NATURA2000

Dan l-artiklu nkiteb minn
Alexei Zammit
Senior Manager ERA

NATURA2000 hi katina ta' żoni protetti madwar l-Unjoni Ewropea, bil-għan li tagħti protezzjoni lill-ħabitats u speċi ta' fawna u flora indiġena u ta' interess komunitarju skont id-Direttiva tal-Komunità Ewropea dwar il-Ħabitats. Għal kull sit ta' NATURA2000 hemm pjan għall-immaniġġjar hekk kif approvat f'Diċembru tal-2016. Fl-2018 Ambjent Malta b'kollaborazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi bdiet bl-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet fuq numru ta' siti.

Ambjent Malta bdiet bis-sit tal-Għadira s-Safra NATURA2000 bit-tneħħija ta' speċi aljeni bħall-Agave Amerikana, u bl-espansjoni tal-ħabitat wara t-tneħħija tat-triq l-antika minn Transport Malta.

Numru ta' miżuri ġew implimentati wkoll fuq Kemmuna. Għal darb'oħra, speċi aljeni tneħħew u sar programm estensiv ta' afforestazzjoni li jinvolvi aktar minn 3,000 siġra. Dan il-programm kien jinvolvi l-identifikazzjoni ta' numru ta' artijiet agrikoli antiki u abbandunati. L-art ġiet maħduma għal diversi drabi sakemm kienet tajba għat-tħawwil. Fost is-siġar u l-arbuxelli li tħawlu nsibu s-siġra tal-għargħar (Is-siġra nazzjonali); il-ġummar; id-deru; l-alaternu; u l-ħarrub. Dawn is-siġar kellhom bżonn kura kontinwa partikolarment fix-xhur tas-sajf. Il-manutenzjoni u t-tisqija kienet possibbli bl-għajnuna tal-Water Services Corporation u Birdlife Malta. L-għaram tar-ramel (sand dunes) ġewwa l-Bajja ta' Santa Marija ġew mgħammra b'tali mod li l-viżitaturi jiġu diretti lil hinn minn dan l-abitat sensittiv u għalhekk jipprovdu opportunità għal riġenerazzjoni b'mod naturali.

Saru wkoll xogħlijiet fil-Magħluq ta' Marsaskala bit-tneħħija ta' speċi aljeni, restawr ta' ħitan tas-sejjieħ u ċnut, konservazzjoni ex-situ tal-bużaqq (il-ħuta nazzjonali ta' Malta) u t-tindif tal-laguna minn skart u ħmieġ ieħor.

Ir-Ramla tat-Torri, sit ieħor ta' Natura2000 kien ukoll suġġett għal xogħlijiet ta' manutenzjoni. Ix-xogħlijiet inkludew it-tneħħija ta' diversi speċi aljeni, kif ukoll il-manutenzjoni tal-għaram tar-ramel.



Tneħħija ta' speci aljeni mill-Magħluq Marsaskala - sit N2K



Tneħħija t'Agave mill-Għadira s-safra - sit N2K

# 'IL FUQ MINN €25,000 F'FONDI LILL-NGOS GĦAL SERVIZZI VETERINARJI B'XEJN

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali indirizza konferenza stampa fejn matulha ngħataw l-ewwel €25,000 f'fondi lill-Għaqdiet Mhux Governattivi li jieħdu ħsieb il-ħarsien tal-annimali. Il-Perit Clint Camilleri qal li kulħadd jaf kemm il-ħarsien tal-annimali huwa prijorità għal dan il-Gvern u spjega kif wara li fl-2018 tnediet l-iskema tas-servizzi veterinarji b'xejn lill-Għaqdiet Mhux Governattivi, li kienet ukoll miżura fil-manifest elettorali tal-Partit Laburista, issa bdew jingħataw l-ewwel fondi.

L-Onor. Camilleri kompla jgħid li l-għan ta' din il-miżura huwa li tkun provduta assistenza veterinarja b'xejn lil organizzazzjonijiet volontarji li huma attivi f'dan il-qasam. Huwa semma kif matul din is-sena, €80,000 oħra se jkunu qegħdin jingħataw lill-Għaqdiet Mhux Governattivi għas-servizzi veterinarji b'xejn kif ukoll se jiġu utilizzati permezz tal-Isptar Veterinarju APH għall-għoti ta' proċeduri dijanjostiċi aktar kumplessi, operazzjonijiet u dħul fl-isptar/ kura kritika intensiva. Dan huwa servizz li l-uniku sptar tal-annimali jista' jipprovdi għall-pazjenti li se jiġu riferuti mill-veterinarji tal-Għaqdiet Mhux Governattivi sakemm il-fondi jiġu eżawriti.

Il-11-il Għaqda Mhux Governattiva li qed jibbenefikaw minn dan il-fond huma Carers for Stray and Abandoned Felines, Island Sanctuary Association, National Cat Society, Association For Abandoned Animals, Noah's Ark Foundation, C.L.A.W.S., Animal Care Malta, SPCA Malta, Stray Animals Support Group, Gozo SPCA, Love For Strays Malta.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri stqarr li dawn l-Għaqdiet Mhux Governattivi se jibbenefikaw mill-ammont sħiħ mingħajr ma joħorġu spejjeż amministrattivi żejda. Dan il-metodu ta' allokar ta' fondi huwa iżjed faċli, jieħu inqas ħin u huwa akkontabbli.

Il-Fondi ħarġu wara li l-informazzjoni provduta mis-santwarji tal-annimali kienet ivverifikata u ċċertifikata li hija korretta. B'hekk seta' jiġi eliminat ukoll kull tip ta' abbuż li seta' jkun hemm. L-Għaqdiet Mhux Governattivi qegħdin jiġu allokati somma globali skont kemm għandhom annimali u dan kien ivverifikat mad-database tal-microchip. Fil-fatt din id-distribuzzjoni ta' fondi tqieset ukoll ġusta u raġonevoli mill-Għaqdiet Mhux Governattivi stess. Barra minn hekk, din is-sistema ma inkluditx piż amministrattiv jew burokratiku żejjed minħabba li l-ebda metodu u kumpless ta' ġbir ta' dokumentazzjoni ulterjuri mill-NGOs ma kien meħtieġ.



Photo - DOI - Kevin Abela

Servizzi Veterinarji b'Xejn

Dan l-artiklu nkiteb minn
Maria Micallef
Uffiċjal Agrikolu Anzjan

# ARTIKLU GĦAT-TFAL

## Is-Sbuħija u l-Użu tal-Ħitan tas-Sejjieħ f'Malta

Dan it-tip ta' ħajt jinħadem minn nies ta' sena kbira u jinbena bla ebda tikħil bejn il-ġebel. Il-ġnub tal-ħitan huma magħmula minn ġebel imdaqqas filwaqt li ġewwa nsibu ġebel żgħir ħafna li jissejjaħ mazkal.

Dawn il-ħitan jifirdu l-għelieqi u ma jħallux il-ħamrija tinġarr mal-ilma jew mar-riħ, iżda jneħħu l-ilma żejjed li jinġabar, bħal kif jagħmel passatur. Dan għaliex il-ġebel huma biss imqegħdin waħda fuq l-oħra u b'hekk mimli xquq.



Ħitan tas-sejjieħ għall-ilqugħ



Ħajt tas-sejjieħ minn ġewwa

## Dar għall-annimali, għall-insetti u għall-pjanti

Il-Gremxula ta' Malta - *Podarcis filfolensis ssp.* Maltensis.

Il-gremxul femminili u ż-żgħar tagħhom ikollhom kulur kannella filwaqt li dak tar-raġel ikun ħadrani. Dawn jieklu insetti bħan-nemel u s-susa. Ikollhom il-bajd fi żmien ir-rebbiegħa u jfaqqsu bejn Ġunju u nofs Awwissu.

Il-Felċi tal-Ħitan tas-Sejjieħ - *Asplenium ceterach.*

Din il-pjanta hija indiġena, jiġifieri oriġinat ġewwa Malta. Tinsab is-sena kollha u tgħix fin-naħat dellija tal-ħitan tas-sejjieħ u postijiet dellin viċin l-ilma.

Il-ħitan tas-sejjieħ huma protetti mil-liġi, jiġifieri ma nistgħux immissuhom jew inneħħu xi ġebel minnhom. L-oriġini tal-ħitan tas-sejjieħ hija maħsuba li tmur lura għal żmien l-Għarab ġewwa Malta, b'hekk għandhom valur storiku għal pajjiżna. Apparti minn hekk kif rajna hawn fuq iservi għal ħafna affarijiet, fosthom bħala abitat għall-animali, għall-insetti, għall-pjanti u għal organiżmi oħra. Iservi wkoll bħala lqugħ għall-ħamrija mill-elementi tal-ilma u tar-riħ, kif ukoll sabiex jifred għalqa minn oħra. Nispera li tieħdu gost tammiraw dawn il-ħitan waqt il-mixjiet tagħkom ġewwa l-kampanja u forsi wkoll tosservaw x'jgħix ġewwa fihom u tiskopru speċi ġodda għall-għarfien tagħkom.



*Asplenium ceterach*



Gremxula ta' Malta

# Riċetti TA' ANTON B DOUGALL




## Ingredjenti

- 420g spagetti
- 200g ikkapuljat taċ-ċanga
- 200g ikkapuljat tal-majjal
- 2 bajdiet
- tursin
- bżar
- smid
- zalza tat-tadam

## Metodu

1. Imla borma kbira b'ħafna ilma u poġġiha fuq in-nar.
2. Meta l-ilma jagħli żid ftit melħ. Għalli l-għaġin.
3. Meta l-għaġin ikun sar, saffi u għaddih minn ilma kiesaħ, biex l-għaġin jiksaħ sew u b'hekk ma jibqax isir. Qattar tajjeb.
4. Qiegħed il-laħam ġo bieqja. Miegħu żid il-bajd, il-bżar u t-tursin. Ħallat tajjeb biex it-taħlita tiġi ħaġa waħda.
5. Ibda fforma l-pulpetti b'din it-taħlita.
6. Qiegħed ftit smid fuq platt ċatt u għaddi l-pulpetti minnu.
7. Imla kazzola bl-ilma u qiegħed fuq in-nar. Meta l-ilma jagħli, għalli l-pulpetti fih għal madwar 20 minuta. Iġbor il-pulpetti mill-ilma bi xkumatur biex il-pulpetti ma jitfarrkux.
8. Sakemm il-pulpetti jkunu qegħdin isiru, saħħan iz-zalza. Meta l-pulpetti jkunu lesti, żidhom maz-zalza u sajjar fuq nar baxx għal madwar 30 minuta.
9. Servi fuq l-ispagetti.



SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI